# Leħħiet

Iż-żerriegħa li żrajt ma nibtetx kollha;
nibtet dik biss li kellha d-dqiqa ħajja
u meta l-fosdqa ta' madwarha tnawret
bit-tira tal-ħamrija, ħarġet minnha
ras in-nebbieta 'l fuq, qasmet il-qoxra
u xirfet ħadranija, tarja, tilma
bin-nida tleqq tal-għodwa fi twelidha.

Hemm żmien sabiħ fil-ħajja ta' kull bniedem
u hemm żmien ikrah li jixxeblek miegħu
bħal ma jqabbad l-għolliq fil-wied maċ-ċawsli
biex jerda' minnu l-ħlewwa bnina tiegħu.
Tegħleb is-siġra lill-għolliq li ggranfa,
jew iseħħlu l-għolliq jerda' ċ-ċawslija
qabel nilħaq induqu nsoff ħlewwitha?

Fejn marru tal-kitarri? F'qamar kwinta
għaddew flimkien idoqqu f'nofs ta' lejl
mit-toroq dojoq ta' raħalna ħiemed,
iwennsu l-qlub u jħallmu ċl maħbubin...
X'hena sawwabtu fija b'daqq il-kordi;
kemm twieqi tbexxqu... kemm tnehid ħanin...
kemm żerżaq jilma dmugħ il-ferħ fl-għajnejn!

Saħħartni fi tfuliti meta lmaħtek
fil-ħitan tas-sejjieħ tixgħel fid-dlam,
musbieħ il-lejl! Bħal tren ċkejkuni ħlomtok
bil-lajma ċeklem bejn ix-xquq taċ-ċint
li jħaddan l-għalqa w lili ferħan magħha;
b'dawlek wenniesi ksibt serħan il-qalb.
Urini int biex nasal fejn nixtieq.

*Pawlu Aquilina*